MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tas-17 ta' April, 2013

Appell Kriminali Numru. 15/2013

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Anthony Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 387869 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għax-xhur ta' Ġunju 2012 u Lulju 2012, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Loren Mangion u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Jannar, 2013, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant ħati u għaldaqstant ikkundannatu xahar priġunerija.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta’ Jannar, 2013, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tillibera lill-appellant minn kull piena u imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti u cioe':-

Illi fl-ewwel lok tajjeb li jingħad illi bejn l-akkuza u l-affidavit u r-rapport tal-Puliz.ija hemm diskrepanzi kbar fl-isem tal-parte civile. Filwaqt li fl-akkuza hija indikata bħala ‘Loren Mangion’, fl-affidavit ta’ PS 1434 u fir-rapport lill-Pulizija hija indikata bhala ‘Lorraine Zammit’. F’dan ir-rigward hemm nebolozita’ dwar il-persuna tal-parte civile li kellu johloq dubju favur l-esponent.

Illi fit-tieni lok kien hemm ukoll kunflitt ta’ provi ċar favur l-imputat fil-fatt illi l-akkuża qegħda bl-aktar mod car tindika illi l-esponent ma ħallasx manteniment għal Ġunju 2012 u Lulju 2012. Fl-affidavit la’ PS 1434 stess gie izda indikat illi l-parte civile kienet qaltlu li l-esponent kien hallas is-somma ta’ 130 Euro ghax-xahar la’ Gunju 2012. Filwaqt allura illi l-esponent qed jiġi akkuzat li ‘ma ħallasx’ (u allura li ma hallas xejn. ghax m’hemm l-ebda kwalifika) għax-xahar la’ Ġunju u Lulju 2012, il-parte civile fl-istess nifs tghid illi thallset somma ghal Gunju 2012. Mistoqsija dwar dan in kontro-ezami fl-udjenza tas-16 la’ Jannar 2013, il-parte civile m’gharfitx twiegeb fejn hi l-verita’, u cioe’ jekk thallsitx ammont in parte jew ma tħallset assolutament xejn.

Illi kwantu jirrigwarda punti legali imbaghad għandu jingħad illi l-piena mogħtija lill- esponent hija manifestament żbaljata fil-ligi. Dan għas-segwenti ragunijilet:

i. Din kienet l-ewwel akkuża kontra l-esponent. Ma nġabet l-ebda prova u lanqas setgħet, illi l-esponent kien b'xi mod reċidiv F'dan is-sens għalhekk ma setgħetx tingħata piena la' priġunerija kif fil-fatt ingħatat, u dan għaliex skond Artukolu 338 (z) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-ħati jista' jeħel piena ta' detenzjoni jew priġunerija fil-kaz li jkun reċidiv. Iżda l-esponent reċidiv ma kienx u allura din il-parti tal-Artikolu 338 (z) ma tapplikax ghalih.

ii. Il-piena kienet manilestament żbaljata wkoll ghaliex skond Artikolu 7(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ladarba issa gie stabbilit illi l-impulat ma kienx recidiv, ma setghetx tinghata piena ta' prigunerijia. Fil-fatt il-kliem miktub mill-ewwel Qorli fuq il-'comparisci' sabiex tagħti l-piena huwa xahar prigunerija –
haga din li ma setghetx issir, ghaliex ghal kontravenzjoni tat-tip li kien akkuzat biha l-esponent ma setax ikun hemm kundanna ta' prigunerija.

Illi di piu' s-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti hija priva minn kull motivazzjoni sia fattwali kif ukoll legali għar-raguni li għaliha l-esponent instab ħati.

Rat li waqt is-seduta tal-lum l-appellant ħallas lil martu l-pendenzi għax-xahar ta' Ġunju u Lulju 2012 kollha kemm huma.

Għalhekk il-Qorti qed tilqa' l-aggravju tal-appell in parti u qed tirriforma s-sentenza mogħtija fis-16 ta' Jannar 2013 billi waqt li qed tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni qed tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant għal xahar priġunerija u minflok qed tikkundannah iħallas emenda ta' €58.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------